

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2013 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-347/09) <sup>(1)</sup>

“*Għajnuna mill-Istat — Trasferiment b'xejn ta' ċerti żoni tal-patrimonju naturali nazzjonali — Miżuri intiżi għall-għajnuna finanzjarja ta' proġetti kbar tal-ħarsien tal-ambjent — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuniet kompatibbli mas-suq komuni — Kunċett ta' impriża — Obbligu ta' motivazzjoni*”

(2013/C 313/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: inizjalment M. Lumma u B. Klein, sussegwentement A. Wiedmann u T. Henze, aġenti)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment K. Gross, sussegwentement F. Erlbacher, A. Stobiecka-Kuik u P. Loewenthal, aġenti)

**Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:** Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u J. Gstalter, aġenti); Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: inizjalment C. Wissels, Y. de Vries u M. de Ree, sussegwentement C. Wissels, M. de Ree, J. Langer u M. Noort, aġenti); u Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: J. Heliskoski, aġent)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 5080 finali, tat-2 ta' Lulju 2009, dwar l-għajnuna mill-Istat NN 8/2009 mogħtija mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u li tikkonċerna s-sistema ta' għajnuna mill-Istat li tikkonsisti, minn naħa, fit-trasferiment b'xejn ta' ċerti żoni tal-patrimonju naturali nazzjonali u, min-naħa l-oħra, f'miżuri intiżi għall-għajnuna finanzjarja ta' proġetti kbar tal-ħarsien tal-ambjent (ĠU C 230, p. 1).

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- (3) Ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u r-Repubblika tal-Finlandja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 267, 07.11.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2013 — Fürstlich Castell'sches Domänenamt vs UASI — Castel Frères (CASTEL)**(Kawża T-320/10) <sup>(1)</sup>

“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali CASTEL — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ammissibbiltà — Raġuni assoluta għal rifjut mhux invokat quddiem il-Bord tal-Appell — Eżami ex officio tal-fatti — Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”

(2013/C 313/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Fürstlich Castell'sches Domänenamt Albrecht Fürst zu Castell-Castell (Castell, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Kunze, G. Würtenberger u T. Wittmann, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Geroulakos et G. Schneider, aġenti)

**Parti oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:** Castel Frères SAS (Blanquefort, Franza) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Mejju 2010 (Każ R 962/2009-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Fürstlich Castell'sches Domänenamt Albrecht Fürst zu Castell-Castell u Castel Frères SAS.

**Dispożittiv**

- (1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-4 ta' Mejju 2010 (Każ R 962/2009-2) hija annullata.
- (2) L-UASI għandu jbatlha l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Fürstlich Castell'sches Domänenamt Albrecht Fürst zu Castell-Castell.
- (3) Castel Frères SAS għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 260, 25.9.2010.